25 ta' Ġunju, 1955

Imħallef:
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Edward Scicluna *versus* Angiolina Mifsud

**Kwerela — Inġurja — Insulti — Prova — "Secondary Evidence" — Art. 599 tal-Kap. 15.**

*Meta hemm żewġ kawżi konkorrenti, waħda tal-Pulizija u l-oħra privata, dwar l-istess fatti, u fil-kawża tal-Pulizija jkunu dedotti l-insulti li jiffurmaw il-meritu ta' inġurja dedotta fil-kawża privata, allura tirbaħ il-kawża li fiha l-imputazzjoni aktar gravi, u jagħmel sewwa l-Maġistrat meta fil-kawża tal-Pulizija jastjeni milli jieħu konjizzjoni tal-insulti mħabba l-kawża privata li fiha l-imputazzjoni tal-inġurji. Għax l-inġurja tista' tkun punibbli bil-pieni tad-delitti, mentri l-insulti huma dejjem kontravvenzjoni, u huma dejjem punibbli bil-pjeni tal-kontravvenzjonijiet.*

*Jekk xhud ikun ta d-depożizzjoni tiegħu quddiem il-Maġistrat, u fl-appell ikun siefer u ma jkunx reperibbli, u allura langas ma tista' tiġi ordnata kummissjoni rogatorjali, allura hija ammissibbli "secondary evidence" biex jiġi pruvat x'kien iddepona x-xhud irreperibbli quddiem il-Maġistrat. U jekk l-istess kwerelat jammetti li dak ix-xhud quddiem il-Maġistrat xehed ċerti fatti, ma hemmx lok li jiġi prodott bħala xhud il-Maġistrat biex jgħid x'kien xehed quddiemu dak ix-xhud.*

Il-Qorti — Rat is-sentenza tagħha, fol. 11, li biha ġiet annullata s-sentenza tal-prima istanza u ordnata t-trattaz-

zjoni tal-kawża "ex novo" quddiem din il-Qorti, skond il-Liġi;

Semgħet il-provi;

Ikkunsidrat;

Id-difensur tal-kwerelata sostna li, peress li fiċ-ċitazzjoni tal-Pulizija, li għaliha saret riferenza, kien hemm dedotti anki l-insulti, għalhekk il-meritu tal-kawża preżenti kien imissu fforma parti mill-meritu ta' dik il-kawża tal-Pulizija, mentri fiha l-Maġistrat astjena li jieħu konjizzjoni tal-imputazzjoni tal-insulti stante l-kawża privata;

Skond dak li ġie ritenut fl-Appell Kriminali "Pul. vs. Salaħa", 10.XI.1930, il-Maġistrat għamel sewwa; għax meta ż-żewġ kawżi, dik tal-Pulizija u dik privata, huma konkorrenti, allura tirbaħ dik li fiha hemm l-imputazzjoni aktar gravi; u hu ċar li, mentri l-imputazzjoni ta' insulti hi dejjem kontravvenzjoni punibbli bil-pjeni tal-kontravvenzjonijiet, l-imputazzjoni ta' inġurja, kif dedotta, għad li fir-riżultanzi tista' tkun punibbli b'dawk il-pieni, tista' però, kif dedotta, tkun punibbli bil-pieni tad-delitti, aktar gravi (ara art. 265 para. (1) u (2) Kap. 12);

Fil-meritu;

L-addebitu kontumeljus ġie pruvat. Il-kwerelata għajret lill-kwerelant li kellu kamra Gwardamanġa fejn kien jieħu n-nisa għat-travjamenti tiegħu;

Il-kwerelant talab li jipproduċi bħala xhud lil-Maġistrat, biex dan jgħid x'qalet quddiemu Giovanna Scicluna, li l-lum tinsab imsiefra;

Apparti konsiderazzjonijiet oħra, dan ma hux neċessarju fil-każ in ispeċje, għax din Scicluna l-lum hija verament imsiefra, u dippjù irreperibbli, permess li mhux magħruf, almenu lill-kwerelat, fejn marret, u kwindi mhix possibbli kummissjoni rogatorjali; u bħala konsegwenza, stante l-irreperibbilità tagħha, issir ammissibbli "secondary evidence" tax-xhieda tagħha, skond l-art. 599 Kap. 15; u appuntu l-istess kwerelata fix-xhieda tagħha affermat li din Giovanna Scicluna qalet taħt ġurament quddiem il-Maġistrat dak stess li qal il-kwerelant. Għalhekk hemm prova, magħmula mill-istess kwerelata, tad-dikjarazzjoni taħt ġurament li għamlet ix-xhud, li l-lum hi msiefra, u dippjù irreperibbli

(ara art. 599 Kap. 15, qabel art. 610, u deċiżjoni "Dr. Degiorgio ne. vs. Olimpia Grech", P A. 6. XII. 34, Vol. XXIX-II-135);

Bix-xhieda tagħha biss, il-kwerelata ma ssodisfatx lil-Qorti li kien hemm xi kompensazzjoni ta' inġurji, għalkemm wieħed għandu jieħu in konsiderazzjoni fil-piena ċ-ċirkustanzi tal-każ;

Għalhekk tiddeċiedi;

Billi ssib lill-kwerelata ħatja ta' inġurja vaga, u wara li rat l-art. 265(2) Kap. 12, tikkundannaha għall-piena tal-ammenda ta' 5s. u għall-ispejjeż kollha. Onorarju tad-difensuri 12s, għal kull waħda mis-seduti kollha, ħlief għal dik tal-lum, li fiha l-onorarju jkun 10s.